



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali

2014/2235(INI)

23.3.2015

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-ħolqien ta' suq tax-xogħol kompetittiv tal-UE għas-seklu 21: it-tlaqqigħ tal-ħiliet u l-kwalifiki mad-domanda u l-opportunitajiet ta' impjieg, bħala mod kif nirkupraw mill-kriżi
(2014/2235(INI))

Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Martina Dlabajová

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	8

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-ħolqien ta' suq tax-xogħol kompetittiv tal-UE għas-seklu 21: it-tlaqqigħ tal-ħiliet u l-kwalifiki mad-domanda u l-opportunitajiet ta' impjieg, bħala mod kif nirkupraw mill-kriżi (2014/2235(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-2014¹,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-15 ta' April 2014 dwar 'L-Unjoni Ewropea kif tista' tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ambjent ospitabbli biex l-intrapriżi, in-negozji u n-negozji ġodda jgħoddu l-impjieg?'²,
 - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-17 ta' Jannar 2014 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar netwerk Ewropew ta' Servizzi tal-Impjieg, l-aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobilità u l-integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjieg u l-Affarjiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A8-0000/2015),
- A. billi l-eżistenza ta' xogħlijiet fejn il-postijiet tax-xogħol vakanti li ma jistgħux jintlewi minħabba nuqqas ta' ħaddiema kwalifikati tvarja ħafna minn Stat Membru għal ieħor;
- B. billi r-riġiditajiet tas-suq tax-xogħol qed ikollhom impatt negattiv fuq il-ħolqien tal-impjieg, filwaqt li s-suq tax-xogħol kompetittiv tal-UE jista' jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri tal-impjieg tal-Ewropa 2020;

Il-kriżi ekonomika u l-konsegwenzi tagħha

1. Jenfasizza li l-ekonomija Ewropea u s-suq tax-xogħol Ewropew jiffaċċjaw diffikultajiet konsiderevoli wara l-kriżi finanzjarja tal-2008 u minħabba t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku;
2. Jinnotta li b'riżultat tal-kriżi ekonomika Ewropea, għadd ta' Stati Membri qed jissieltu ma' livelli għolja ta' qgħad (UE28: 9.9 %) kif ukoll b'dejn pubbliku; jinsab imħasseb ukoll li r-rati ta' qgħad fost iż-żgħażaġh (UE28: 21.4 %) huma ġeneralment ħafna ogħla;

¹ Testi adottati, P8_TA(2014)0038.

² Testi adottati, P7_TA(2014)0394.

3. Iqis li huma meħtieġa politiki ekonomiċi u riformi tas-suq tax-xogħol ambizzjużi sabiex tingħata spinta lil tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u biex jinħolqu aktar impjiegi; jenfasizza ukoll il-ħtieġa ta' sistemi tas-sigurtà soċjali ekonomikament sostenibbli li huma bbażati fuq inċentivi għax-xogħol;

Is-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-UE, inklużi n-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol

4. Huwa mħasseb li r-rati tal-qgħad fl-UE baqgħu relattivament għolja (Diċembru 2014, UE 28: 9.9 %), u jiġbed l-attenzjoni lejn id-differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri, bl-inqas rata ta' qgħad tkun fil-Ġermanja (4.8 %) u l-oġħla fi Spanja (23.7 %);
5. Jinnota li diversi sfidi importanti qed jaffettwaw is-suq tax-xogħol tal-Ewropa, inkluża d-domanda dejjem ikbar għal ħaddiema b'ħiliet għolja, bidla teknoloġika u iżvilupp rapidi, kif ukoll soċjetà li qed tixjieħ, li jeħtieġu li l-irtirar kmieni jsir inqas attraenti;
6. Jirrimarka li l-mobilità fi ħdan l-UE tal-forza tax-xogħol għadha baxxa (UE27: 0.29 %), b'rati għolja ta' qgħad f'xi Stati Membri u postijiet tax-xogħol li baqgħu vakanti f'oħrajn;
7. Jinnota li l-inċentivi ekonomiċi u motivazzjonali biex il-persuni jaħdmu huma baxxi wisq f'ħafna pajjiżi Ewropej;

It-trawwim ta' suq tax-xogħol kompetittiv tal-UE

8. Jemmen li sabiex jinkiseb suq tax-xogħol kompetittiv tal-UE, huma meħtieġa riformi ambizzjużi li jżidu l-inklużività, il-flessibilità u l-mobilità, fid-dawl ta' swieq tax-xogħol u xejriet tal-produzzjoni li kostantement qed jinbidlu;
9. Jenfasizza l-importanza tal-iżvilupp tal-bniedem, tal-flessibilità tal-karriera u tal-awtoresponsabbiltà; ifakkar f'dan ir-rigward li hemm bżonn investiment biex tiġi appoġġata b'mod attiv l-impjegabbiltà, u jiġi evitat l-eżawriment ta' ħiliet fost dawk qiegħda; jenfasizza li tali miżuri għandhom jiġu kkombinati ma' riformi fil-pensjoni u s-sistemi tas-sigurtà soċjali li jħeġġu lil aktar nies biex jaħdmu;
10. Ifakkar l-importanza tal-mobilità tal-ħaddiema għal suq tax-xogħol kompetittiv, u jenfasizza l-ħtieġa li titnaqqas il-burokrazija u jitnaqqsu l-ostakli lingwistiċi li jistgħu jillimitawha; jinkoraġġixxi li tiżdied is-sensibilizzazzjoni, u li jkun hemm titjib ulterjuri, tal-portal tax-xogħol EURES madwar l-UE;

L-antiċipazzjoni tal-ħtiġijiet ta' ħiliet futuri

11. Jemmen li, sabiex jiġu antiċipati l-ħtiġijiet tal-ħiliet għall-ġejjieni, il-partijiet interessati tas-suq tax-xogħol, inklużi l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-impjegati, għandhom ikunu involuti b'mod qawwi fil-livelli kollha, b'mod partikolari fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' kwalifiki vokazzjonali;
12. Jenfasizza l-importanza ta' sħubija bejn l-universitajiet, in-negozji u l-awtoritajiet bil-ħsieb li jiġu stmati l-ħtiġijiet tax-xogħol għall-futur, kif ukoll it-trawwim ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri f'dan ir-rigward;

L-importanza ta' edukazzjoni u taħriġ kontinwu u taħriġ għall-persuni qiegħda

13. Ifakkar il-ħtieġa li nistinkaw għal approċċ aktar flessibbli għall-iżvilupp tal-karriera individwali u għall-edukazzjoni matul il-ħajja u t-taħriġ tul il-karriera;
14. Jemmen li programmi ta' taħriġ u ta' kwalifikazzjoni mill-ġdid għal persuni qiegħda għandhom jiġu mfassla u implimentati b'kooperazzjoni mill-qrib ma' assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem, bil-ħsieb li jkun hemm allinjament aħjar tal-ħiliet tal-ħaddiema mal-ħtiġijiet ta' min iħaddem;
15. Ifakkar li huwa ta' importanza kbira li jingħataw gwida u pariri lil dawk li qed ifittxu x-xogħol dwar il-mod li bih ifittxu impjieg u biex jiġi żgurat li l-ħiliet tagħhom jkunu rikonoxxuti permezz tal-"passaporti tal-kompetenzi" li jirriflettu l-ħiliet miksuba kemm permezz ta' taħlim formali kif ukoll informali;

It-tisħiħ tar-rabtiet bejn l-edukazzjoni u l-impjegi

16. Jemmen li t-taħriġ vokazzjonali doppju u s-sistemi doppji għandhom jingħataw aktar konsiderazzjoni, peress li għandhom it-tendenza li jiffavorixxu l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u wrew li huma effettivi fit-trawwim tal-impjieg fost iż-żgħażaġh;
17. Jenfasizza l-importanza ta' sinerġiji aħjar bejn is-sistemi edukattivi u s-suq tax-xogħol, inkluża l-espożizzjoni tal-post tax-xogħol u l-kooperazzjoni man-negozji;
18. Jenfasizza l-importanza ta' orjentazzjoni tal-karriera permezz ta' valutazzjoni individwali u pariri dwar il-karrieri pprovduti minn konsulenti kkwalikati ta' livell għoli speċjalizzati fil-qasam tax-xogħol;
19. Jinnota li għal transizzjoni b'suċċess lejn l-impjieg, huwa ta' importanza kbira li jittieħdu deċiżjonijiet infurmati, u li l-motivazzjoni, il-konoxxenza proprja u l-inizjattiva għandhom jiġu inkoraġġuti;
20. Jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament adegwat u l-adozzjoni, mill-Istati Membri u minn dawk li jħaddmu individwalment, ta' skemi ta' taħriġ u ta' apprendistat;
21. Jemmen li jenħtieġu sħubijiet mill-qrib bejn il-gvernijiet u r-rappreżentanti ta' min iħaddem u tal-ħaddiema sabiex isibu l-aħjar modi ta' kif tiġi indirizzata l-problema ta' diskrepanza tal-ħiliet fid-dimensjonijiet kollha tagħha;

It-trawwim tal-mobbiltà tax-xogħol

22. Jinnota li fil-preżent fl-UE, hemm iktar minn 2 miljun post tax-xogħol vakanti; jenfasizza l-ħtieġa ta' mobiltà tax-xogħol fl-Unjoni sabiex jimtela dan il-vojt, u jtenni l-importanza tal-Erasmus + u l-EURES f'dan ir-rigward;
23. Ifakkar l-importanza tal-mobiltà tal-ħaddiema b'kapaċitajiet għolja minn pajjiżi terzi fid-dawl tal-isfidi demografiċi;

L-iskambju tal-aħjar prattiki fl-UE

24. Jenfasizza l-bżonn li jsir skambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward ta' taġlim doppju u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, filwaqt li jirrikonoxxi l-ispeċifitàjiet ta' kull suq tax-xogħol u ta' kull sistema edukattiva;

It-trawwim ta' spirtu intraprenditorjali fost iċ-ċittadini: L-SMEs u l-mikroimpriżi

25. Jemmen li t-taġlim tal-awto-responsabbiltà u t-trawwim tal-edukazzjoni intraprenditorjali minn età bikrija ikomplu jtejbu r-rabtiet bejn l-iskola u s-suq tax-xogħol, u jistgħu jikkontribwixxu biex jitbaxxew il-livelli tal-qgħad;
26. Jenfasizza l-importanza ta' miżuri ta' appoġġ għall-SMEs u l-mikrointrapriżi, sabiex jitnaqqsu l-ostakoli amministrattivi u finanzjarji għall-istabbiliment u l-operat taġħhom kif ukoll l-iffaċilitar tar-reklutaġġ ta' ħaddiema kkwalifikati u t-taħriġ tal-impjegati;
27. Jemmen li għandhom jiġu introdotti inċentivi għall-impredituri li jinvestu fit-taħriġ u fl-apprendistati;

L-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni: ħiliet u impjiegi ġodda

28. Jenfasizza l-importanza tal-innovazzjoni u tad-diġitalizzazzjoni għall-kompetittività u t-tkabbir, u, f'dan ir-rigward, tal-hteġa li jipprovdu l-għarfien u l-ħiliet li huma meħtieġa, kif ukoll ta' motivazzjoni u determinazzjoni min-naħa ta' impjegati u ta' impjegati prospettivi bil-ħsieb li jinħolqu prodotti u servizzi diġitali innovattivi u kreattivi;
29. Jenfasizza l-potenzjal tal-ħolqien ta' impjiegi offrut bil-kompletar tas-suq uniku diġitali, bl-istabbiliment tal-Unjoni tal-enerġija, bil-ħolqien ta' impjiegi permezz tal-investment fir-riċerka u fl-iżvilupp u fl-innovazzjoni, u bit-trawwim tan-netwerks tat-trasport;

Il-miżuri fir-rigward ta' ħaddiema iżgħar u dawk aktar mdaħħla fiż-żmien

30. Jenfasizza l-importanza ta' miżuri speċjali u appoġġ għal min iħaddem, b'mod partikolari għall-SMEs, sabiex jiġu nkoraġġuti jimpjegaw liż-żgħażaġh fl-ewwel impjieg taġħhom u jiżguraw taħriġ intern taġħhom, kif ukoll għal ħaddiema li huma akbar fl-età; ifakkar fl-importanza tar-responsabbiltà soċjali min-naħa ta' min iħaddem, lejn l-impjegati kollha kif ukoll lejn is-soċjetà; jemmen li din ir-responsabbiltà soċjali għandha tkun meħtieġa wkoll mill-istituzzjonijiet responsabbli għall-edukazzjoni u t-taħriġ;

Rakkomandazzjonijiet

31. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw modi innovattivi biex jiġi nkorraġut l-investment fl-UE bil-għan li tingħata spinta lit-tkabbir u l-impjiegi;
32. Jistieden lill-Istati Membri biex jitgħalmu mill-aħjar prattiki li jwasslu għal rati aktar baxxi ta' qgħad u jwettqu riformi li huma bbażati fuq dawk il-prattiki;
33. Jistieden lill-Istati Membri jinkludu konsulenza fit-tmexxija, il-ġestjoni u l-edukazzjoni finanzjarja u dwar start-ups tan-negozju fil-programmi edukattivi taġħhom, u li jiġi

pprijoritizzat l-iżvilupp ulterjuri ta' programmi ta' taħriġ vokazzjonali u edukattivi (VET);

34. Jistieden lill-Istati Membri biex jappoġġaw l-involviment mill-qrib tal-partijiet interessati tas-suq tax-xogħol, inklużi l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-impjegati, fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali, sabiex jitrawmu rabtiet eqreb bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ u l-post tax-xogħol u biex jiġu antiċipati l-ħtiġijiet futuri tal-ħiliet;
35. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jipprovdu strutturi finanzjarju u ekonomiċi li jappoġġaw il-parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ kontinwu sabiex tiġi żgurata fil-futur forza tax-xogħol b'ħiliet għolja;
36. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-qgħad għadu wieħed mill-isfidi ewlenin fl-UE, b'rata ta' 9.9 % f'Diċembru 2014, u b'differenzi sinifikanti ħafna fir-rati tal-qgħad bejn l-Istati Membri (il-Ġermanja 4.8% vs Spanja 23.7%). Ir-rati tal-qgħad fost iż-żgħażaġħ huma oġġla b'aktar mid-doppju, u jammontaw għal 21.4 % madwar l-UE. Min-naħa l-oħra, hemm madwar 2 miljun impjeg fl-UE li ma jistgħux jimtlew minħabba n-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol u mobiltà tax-xogħol insuffiċjenti (UE27, 0.29 %).

L-effetti tal-kriżi ekonomika u finanzjarja għadhom qed jippersistu. Filwaqt li hemm xi sinjali ta' rkupru, is-suq tax-xogħol kien qiegħed jikkien f'dawn l-aħħar snin u l-ħolqien ta' impjegi ġodda għadu miexi bil-mod.

Għalhekk huma meħtieġa politiki ekonomiċi u riformi fis-suq tax-xogħol ambizzjużi sabiex jiġi stimulat tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv kif ukoll biex jinħolqu aktar impjegi biex jingħelbu d-distorsjonijiet fis-suq tax-xogħol tal-UE.

Is-suq tax-xogħol Ewropew għandu l-ispeċifiċitajiet u l-isfidi tiegħu, inkluża segmentazzjoni b'saħħitha tas-suq tax-xogħol, il-preżenza ta' nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol, flimkien ma' sehem li qed jikber ta' qgħad fit-tul, kif ukoll mobiltà baxxa tal-ħaddiema. Barra minn hekk, is-suq tax-xogħol Ewropew qed jiffaċċja wkoll ukoll il-problemi ta' soċjetà li qed tixjieħ u dan jirrikjedi użu aktar effiċjenti tal-forza tax-xogħol u politiki ta' migrazzjoni riformati, kif ukoll bidliet teknoloġiċi rapidi li jiġġeneraw żieda fid-domanda għal ħaddiema b'ħiliet għolja. L-isfida li jirrappreżenta n-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet għandha tiġi ttrattata minnufih, peress li n-nuqqas ta' tlaqqiġ strutturali jista' jaffettwa b'mod negattiv l-irkupru u tkabbir ekonomiku.

Ir-rapport jenfasizza li biex jinkiseb suq tax-xogħol kompetittiv, huma meħtieġa riformi sabiex tiżdied il-flessibbiltà tas-suq tax-xogħol u tal-karriera personali, it-tlaqqiġ aħjar tal-ħiliet u l-impjegi, inklużi sinerġiji aktar b'saħħithom bejn is-sistemi tal-edukazzjoni u n-negozji. Huwa jappella wkoll għal integrazzjoni aħjar taż-żgħażaġħ, tan-nisa u tal-ħaddiema li huma akbar fl-età kif ukoll tal-migranti b'ħiliet fis-suq tax-xogħol. Huwa jissottolinja l-importanza tal-użu ta' investimenti li b'mod attiv jappoġġaw il-ħolqien tal-impjegi, l-impjegabbiltà u biex jiġi evitat it-tnaqqis tal-ħiliet ta' dawk qiegħda. Huwa jissuġġerixxi approċċ flessibbli lejn il-ħajja professjonali personali li jadatta l-ħaddiema għall-bidliet u jippreparhom għal tagħlim tul il-ħajja biex jiksbu ħiliet ġodda, meħtieġa minħabba sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol u ta' xejriet ta' produzzjoni li qed tinbidel kostantement. Huwa jfakkar ir-riformi meħtieġa li se jinkoraġġixxu lin-nies biex imorru lura għax-xogħol u li ma jagħżlux benefiċċi soċjali minflok. Huwa jenfasizza l-importanza tal-mobiltà tal-ħaddiema, jinkoraġġixxi aktar ħolqien ta' kuxjenza dwar l-impjegi fil-livell tal-UE, b'mod partikolari permezz ta' aktar żvilupp tal-EURES, kif ukoll il-promozzjoni tal-edukazzjoni lingwistika, u tal-ERASMUS +.

Attenzjoni speċjali hija mogħtija lill-importanza ta' edukazzjoni u taħriġ kontinwu biex jinkiseb suq tax-xogħol tal-UE kompetittiv, li jwassal għal tkabbir u l-impjegi. Jenfasizza n-neċessità ta' strutturi ekonomiċi li jappoġġaw il-parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ kontinwu sabiex tiġi żgurata fil-futur forza tax-xogħol b'ħiliet għolja;

Huma analizzati fatturi differenti li jistgħu jsaħħu konnessjonijiet bejn l-edukazzjoni u l-impjiegi, kif ukoll it-trawwim ta' gwida tul il-ħajja u tal-ħiliet ta' ġestjoni tal-karriera. L-antiċipazzjoni tal-ħtiġijiet futuri hi prerekwiżit ewlieni għat-tnejjija tal-impjegati jew tal-impjegati futuri għall-ħiliet meħtieġa fil-futur, u, f'dan ir-rigward, l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-impjegati għandhom ikunu involuti bis-sħiħ, fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali, b'mod partikolari fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' kwalifiki vokazzjonali. Barra minn hekk, sħubijiet bejn l-universitajiet, in-negozji u l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jissaħħu bil-għan li ssir stima tal-ħtiġijiet tax-xogħol għall-futur.

L-istabbiliment ta' sħubijiet b'saħħithom bejn il-gvernijiet, rappreżentanti ta' min iħaddem u tal-impjegati huwa importanti ħafna sabiex jinstabu l-aqwa modalitajiet biex ikun indirzzat in-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet fid-dimensjonijiet kollha tiegħu.

It-rapport jenfasizza l-bżonn li jsir skambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward ta' tagħlim doppju u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, filwaqt li jirrikonoxxi l-ispeċifitajiet ta' kull suq tax-xogħol u tas-sistema edukattiva.

Hija mogħtija attenzjoni speċjali lill-importanza li jiġu promossi inizjattivi li jrawmu l-impjegati indipendenti u l-intraprenditorija, b'enfasi partikolari fuq l-SMEs u l-mikrointrapriżi, bħala s-sinjala tas-suq tax-xogħol tal-UE u l-ħtieġa ta' miżuri ta' appoġġ biex jinstabu ħaddiema kwalifikati u t-taħriġ ta' impjegati futuri, kif ukoll l-introduzzjoni ta' inċentivi għal imprendituri li jinvestu fit-taħriġ u l-apprendistati, sabiex l-SMEs jitħeġġu jikkontribwixxu għall-ispejjeż tat-taħriġ. F'dan ir-rigward, ir-rapport jitlob ukoll għat-tisħiħ tal-edukazzjoni tat-tmexxija u dik intraprenditorjali minn età bikrija.

Għall-istabbiliment ta'ekonomija u ta' suq tax-xogħol kompetittiva tal-UE, hemm bżonn qawwi li wieħed jiffoka fuq l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni u, għal dan il-għan, biex jiġu żgurati l-għarfien u l-ħiliet neċessarji kif ukoll il-motivazzjoni u d-determinazzjoni tal-impjegati sabiex jinħolqu prodotti jew servizzi innovattivi. Huwa jenfasizza l-potenzjal tal-ħolqien ta' impjiegi fl-ikkompletar tas-suq uniku diġitali, fl-istabbiliment tal-Unjoni tal-enerġija, fil-ħolqien ta' impjiegi permezz tal-investment fir-riċerka, fl-iżvilupp, fl-innovazzjoni, u fit-trawwim tan-netwerks tat-trasport.

Attenzjoni speċjali hija mogħtija lil miżuri speċifiċi biex iħeġġu r-reklutaġġ ta' ħaddiema żgħażaġħ, inkluż permezz ta' appoġġ għal min iħaddem, b'mod partikolari l-SMEs biex ifasslu t-taħriġ intern tagħhom, kif ukoll għal integrazzjoni mill-ġdid ta' ħaddiema akbar fl-età, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' faċilitajiet ta' taħriġ mill-ġdid, biex jaġġornaw il-ħiliet tagħhom u jadattawhom għall-isfidi tal-impjiegi ġodda.

Ir-rapport jenfasizza l-importanza ta' programmi ta' taħriġ u ta' kwalifikazzjoni mill-ġdid għal persuni qiegħda, u jenfasizza li dawn għandhom jiġu mfasla u implimentati b'kooperazzjoni mill-qrib ma' assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem, bil-ħsieb li jkun hemm allinjament aħjar tal-ħiliet ġodda tagħhom mal-ħtiġijiet ta' min iħaddem.

Fl-aħħar nett, ir-rapport jissuġġerixxi li l-impjegati, daww li jħaddmu kif ukoll l-istituzzjonijiet edukattivi u tat-taħriġ għandhom isiru aktar soċjalment responsabbli lejn is-suq tax-xogħol Ewropew, speċjalment lejn il-ġenerazzjoni l-ġdida ta' Ewropej.

